**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**It-18-il Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tlieta 20 ta' Mejju 2014 fil-5pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. ***Post-Mortem* dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2014**
4. **Immaniġġjar tat-Traffiku u Laqgħat ma' Transport Malta**
5. **Il-Festi f'Raħalna – Sajf 2014**
6. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
7. **Finanzi**
8. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-18-il Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 20 ta' Mejju 2014 fil-5 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tas-17-il Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Inqrat Memo 12/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Memo 12/2014 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-korsijiet tal-*Lifelong Learning 2014-15***.

2.1.1 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li l-Kunsill Lokali għandu jibqa' joffri l-korsijiet tal-parċmina u tal-bizzilla għaliex jidher li dawn qegħdin ikunu suċċess.

2.1.2 Is-Sindku David Schembri semma' wkoll il-kors tal-monasteru li issa ilu jsir għal diversi snin.

2.1.3 Fid-diskussjoni ssemmew ukoll is-*sugar craft* u l-*plastic canvas*, kif ukoll iż-zumba u s-*sequel u l-line dancing*.

2.1.4 Is-Sindku qal li tkun ideali jekk il-Kunsill Lokali japplika wkoll għall-kors tal-*Fireworks Process and Safety.*

2.1.5 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li se napplikaw għal dawn il-korsijiet: Parċmina, Bizzilla, Monasteru, Zumba u *Fireworks Process and Safety.*

2.2 Inqrat Memo 13/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 13/2014 – Kwestjonarju – *Training Needs' Analysis.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.3 Inqrat Memo 14/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 14/2014 – *Mid-Term Audit.***

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Reġistru Elettorali April 2014 – Appelli lill-Uffiċjal Reviżur dwar żidiet/emendi.**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Cottonera Resource Centre* – Taħdita dwar stemmi araldiċi Maltin – Il-Ġimgħa 2 ta' Mejju 2014 fis-7pm.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Funtani fi Spazji Pubbliċi.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Minsiteru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali – Proġetti.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI:** ***Public Consultation on INTERACT III Programme.***

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Reviżjoni tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Żewġ avviżi maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 19,232 tas-7 t'April 2014.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Żewġ avviżi maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 19,241 tal-21 t'April 2014.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Żewġ avviżi maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 19,243 – Persuni li ħa jkunu msiefra jew rikoverati fi sptar f'jum il-votazzjoni, Is-Sibt 24 ta' Mejju 2014.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Tlett avviżi fil-Gazzetta tal-Gvern numru 19,521 – 15 ta' Mejju 2014.**

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Żewġ avviżi (bil-Malti u bl-Ingliż) maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Elezzjoni għall-Parlament Ewropew u għall-Kumitati Amministrattivi tal-Komunitajiet, 2014.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż Legali numru 153 tal-2014 – Regolamenti tal-2014 dwar il-Votazzjoni (Restrizzjoni ta' Aċċess) – Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku.**

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Elezzjonijiet għall-Kumitat Amministrattivi u l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Tlett avviżi maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali.**

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Abbozz tal-Istandards Nazzjonali għal Djar Residenzjali – Residenti għal tul taż-żmien.**

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Revisiting a Revolution* – Kunċert Klassiku mill-*Malta Philarmonic Orchestra* – Il-Ġimgħa 23 ta' Mejju 2014.**

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Sheltered Employment Training for Persons with Disability.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Procurement – Measure 313 (Encouragement of***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***Tourism Activities) and Measure 323 (Conservation and Upgrading of the Rural Heritage).***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***ATTN: Europe for Citizens Programme – Open Calls for Funding.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Elezzjoni Parlament Ewropew 24-5-14.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Varar tas-sistema tal-Permessi tal-Krejnijiet Online – 29 t'April 2014.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Informazzjoni rikjesta dwar is-Sistema tal-Permessi tal-Krejnijiet Online.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 10/2013 – Kuntratti tal-Kunsilli Lokali.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marica Axiaq għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***PCs running on XP.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marica Axiaq għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***MARS Enhacements.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **It-tieni qari dwar l-emenda għad-dritt tal-vot liż-żgħażagħ ta' sittax-il sena.**

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 9329.**

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Pace mill-*Vote 16 Monitoring Committee*, bit-titlu **Ambaxxatur Lokali.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 28/2014 – Konferenza dwar l-Inklużjoni u l-Ugwaljanza fir-Reġjun tal-Mediterran.**

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 29/2014 – Biljetti b'xejn għall-Finali tal-*UEFA Under 17 Championships.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 30/2014 – *Let's Do It! Malta.***

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 33/2014 – Suppliment fit-*Times of Malta.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 34/2014 – *MARIE Seminar 28.05.2014 – "Energy Efficiency in Buildings."***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 36/2014 – Żewġ Konferenzi Edukattivi fuq il-Bram fit-22 u 23 ta' Mejju 2014.**

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 37/2014 – Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex (li mhumiex Sindki) is-Sibt 21 ta' Ġunju 2014, fil-lukanda Dolmen Resort, Il-Qawra.**

2.39.1 Il-Kunsillieri Daniel Farrugia, Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud qalu li se jkunu qegħdin jattendu għal din il-laqgħa.

2.39.2 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li mhux se jkun jista' jattendi minħabba impenji oħra.

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 38/2014 – *National Workshop on Sustainable Domestic Water Use.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joan Mangion, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Messaġġ Importanti – Biljetti b'xejn għall-*UEFA Under 17.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Reminder* – Memo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali 13/2014 – Kwestjonarju – *Training Needs' Analysis.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-ANSEK, bit-titlu ***Local Councils' 20th Anniversary Buffet Dinner.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-ANSEK, bit-titlu **Emendi għal-Liġi dwar il-Gvern Lokali.**

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Servizz ta' Gwardjani Lokali fil-Festival Agrarju tal-Patata.**

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Aġenda – Reġjun Nofsinhar Sessjoni Plenarja – 17.05.14.**

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Laqgħa – Fondazzjoni Valletta 18.**

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu **Miżura 125.**

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***European Maritime Day – Biodivalue Article.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Edward Zammit, Segretarju Privat fl-Minsiteru għat-Turiżmu, bit-titlu **Talba għal Laqgħa dwar Wied iż-Żurrieq, Il-Qrendi.**

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Onor. Robert Cutajar, kelliem għall-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Oppożizzjoni responsabbli miż-Żgħażagħ u Sport, bit-titlu **Stedina għall-Konferenza Nazzjonali tal-Isport.**

2.52 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Sharlo Camilleri, *Head Paying Agency*, bit-titlu ***Contract No: 408/36241/2011 – Qrendi Local Council Axis 3 – Measure 313 – Encouragement of Tourism Activities.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel Farrugia, bit-titlu ***Status of Projects M313.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer* fil-*Paying Agency*, bit-titlu ***Compliance Certificate from MEPA.***

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joanne Farrugia mill-ETC, bit-titlu ***CWS new participants.***

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Clayton Cutajar, Koordinatur tal-*Lifelong Learning Courses in the Community*, bit-titlu ***DLLL Courses 2014/2015 in Local Councils.***

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Daniel Tabone mill-GreenPAK, bit-titlu ***Collection Operations for Recyclabes.***

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro mill-GreenPAK, bit-titlu ***Local Council Awards 2014.***

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Zammit, bit-titlu ***Local Councils partecipation in Imnarja 2014.***

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Vincent Cassar mill-MCCAA, bit-titlu **Ġnien Dama Cecilia Pick.**

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marilyn Tanti, *EU Fund Officer* fil-*Paying Agency*, bit-titlu ***EAFRD Projects – Pictures.***

2.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeannine Vassallo, Analista tar-Riċerka fid-Dipartiment tal-iStandards fil-Ħarsien Soċjali, bit-titlu **Abbozz tal-**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**iStandards Nazzjonali għal Djar Residenzjali – Residenti għal tul taż-żmien.**

2.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claire Briffa mill-Enemalta, bit-titlu **(PSL) Talba għal Bozza – Triq tal-Muddejn – Qrendi.**

2.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Saviour Ellul, *Ass. Manager* fil-*Quality Assurance Unit* ta' Transport Malta, bit-titlu ***Road Works Permit Applications.***

2.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Miriam Barbara, *Operations Manager – Local Enforcement* f'*The Guard and Warden Service House Ltd.,* bit-titlu ***Change in procedure relating to TMS bank deposits.***

2.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Roxanne Bugeja, *Broker's Assistant* ma' *Island Insurance Brokers*, bit-titlu ***Qrendi Local Council – Small & Medium Enterprise Combined Insurance Policy/Group Personal Accident Insurance Policy – 16th May 2014 Renewal.***

2.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Luca Camilleri, *Senior Broker* ma' *Island Insurance Brokers,* bit-titlu ***Qrendi Local Council – Small and Medium Enterprise Combined Insurance Policy No. SML/244/07/1000010 & Group Personal Accident Insurance Policy No. GPAL/244/07/100007 – 16th May 2014 Renewal.***

2.68 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Josianne Cilia Mumford, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, bit-titlu **Triq fejn iċ-Ċimiterju.**

2.69 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Josianne Cilia Mumford, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, bit-titlu **Triċ iċ-Ċimiterju Żurrieq/Qrendi.**

2.70 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Josianne Cilia Mumford, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, bit-titlu ***Filming of Travel TV Programme.***

2.71 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. J. Piscopo, Librara fl-Iskola Sekondarja tal-

Bniet, Ħal Tarxien dwar Jum il-Premjazzjoni.

2.71.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li bħalma sar fis-snin ta' qabel, il-Kunsill Lokali jagħti b'€20 kotba lill-Iskola Sekondarja tal-Bniet.

2.72 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Caroline Micallef bit-titlu ***Wardija Job Expo Team.***

2.73 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Noel Polidano, Segretarju tal-Kumitat Sezzjonali PN Qrendi, bit-titlu **Mafkar Indipendenza.**

2.73.1 Is-Sindku David Schembri qal li hu personalment ma jħossx li għandhom isiru monumenti politiċi fil-lokalita'.

2.73.1.1 Żied li fejn illum hemm il-Monument tal-Ħelsien, lanqas biss jieħu ħsiebu ħadd u li kieku l-Kunsill Lokali ma jieħux ħsieb is-*soft area* li qiegħed fiha, kieku kollox jinsab mitluq.

2.73.1.2 Spjega kif fl-opinjoni tiegħu, jekk għandha ssir xi ħaġa ssir, din għandha tirrappreżenta il-mumenti storiċi kollha f'daqqa u mhux xi mument storiku partikolari.

2.73.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia spjega kif hu ma jaqbilx mar-raġunament tas-Sindku minħabba li forsi mhux kull każin politiku jkun irid jieħu sehem attiv f'din l-inizjattiva.

2.73.2.1 Żied li hu oriġinarjament ħareġ bil-proposta li jsiru 4 monumenti li jfakkru l-mumenti storiċi ta' pajjiżna imma r-risposta li ħa kienet li l-Kunsill Lokali m'għandux flus biex jagħmel dawn il-monumenti.

2.73.2.2 Spjega kif anke dil-proposta tas-Sindku, li jsir monument wieħed li jfakkar il-mumenti storiċi ta' pajjiżna xorta waħda trid tkun diskussa fil-Kumitat Sezzjonali PN qabel tittieħed deċiżjoni.

2.73.3 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa saħaq li l-Kunsill Lokali m'għandu joħroġ l-ebda fondi għall-ebda monument, biss irid ikun il-Kunsill Lokali li jaċċetta l-proposti ta' fejn għandu jsir xi monument jew ieħor.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.73.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li meta l-ewwel proponiment tiegħu ma ntlaqax mill-Kunsill Lokali, jiġifieri li jsiru 4 monumenti maġenb xulxin fejn illum hemm il-monument tal-Ħelsien, bilfors kellu jaħseb f'lok alternattiv fejn jista' jsir dan il-monument ġdid.

2.73.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li se nwieġbu lill-Kumitat Sezzjonali PN fuq il-linja li jekk isir xi monument m'għandux ikun monument ta' mument storiku wieħed imma li jinkorpora l-mumenti storiċi kollha ta' pajjiżna.

2.73.5.1 Għaldaqstant il-Kunsill Lokali qiegħed jissuġġerixxi li qabel isir dan il-monument issir laqgħa ta' diskussjoni bejn il-partiti politiċi ta' raħalna.

2.74 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Martin Formosa, bit-titlu **Tindif ta' Sqaq il-Ħofra.**

2.75 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Camilleri bit-titlu ***Patching.***

2.76 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sa. Maria Aquilina, dwar sinjali sofor fi Sqaq Bali Guarena.

2.76.1 Is-Sindku David Schembri qal li personalment iħoss li m'għandhomx isiru dawn is-sinjali sofor fejn qed titlobhom is-Sa. Aquilina.

2.76.2 Qal li fil-preżent diġa' hemm problema kbira ta' parkeġġ f'din iż-żona u jekk se jsiru dawn is-sinjali sofor il-problema se tkompli tiggrava.

2.76.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li jidher lis-Sa. Aquilina ma trid lil ħadd jipparkja quddiem ir-residenza tagħha.

2.76.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li se tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss sabiex isiru aktar verifiki dwar din it-talba.

2.77 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sa. J. Spiteri, dwar sinjali sofor fi Triq it-Torri.

2.77.1 Is-Sindku qal lis-Sa. Spiteri m'għandiex garaxx imma store maġenb ir-residenza tagħha.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.77.2 Qal li l-problema l-kbira f'din it-triq mhuwiex il-garaxx tas-Sa. Spiteri imma l-immaniġġjar tat-traffiku f'din iż-żona kollha.

2.77.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li se nkunu qegħdin nitkellmu mal-Koperattiva tat-Tabelli u s-Sinjali sabiex nieħdu parir mingħandhom dwar x'jista' jsir u aktar żviluppi jiġu diskussi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

2.78 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Martin Farrugia dwar talba għal parkeġġ riservat fi Triq iż-Żurrieq.

2.78.1 Is-Sindku qal li dan huwa każ ġenwin u għalkemm din hija triq li wkoll għandna problema kbira ta' parkeġġ fiha, hemm bżonn li l-Kunsill Lokali jgħin lil dan l-individwu, speċjalment lil martu.

2.78.2 Qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni dwar din it-talba, l-Kunsillieri Daniel Farrugia u Daniel Farrugia ħarġu mil-laqgħa tal-Kunsill minħabba kunflitt t'interess.

2.78.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament lit-talba tas-Sur Farrugia għandha tintlaqa' u se ssir l-applikazzjoni ma' Transport Malta.

2.79 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sa. Mary Bugeja dwar talba għal parkeġġ riservat fi Triq Karlu Darmanin.

2.79.1 Is-Sindku spjega li din it-triq hija mimlija b'parkeġġi riservati, biss dan huwa każ ġenwin ieħor u l-Kunsill Lokali huwa fid-dmir li jgħin lil din is-Sinjura.

2.79.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega li f'din it-talba hemm xi dokumenti neqsin u għaldaqstant se nkunu qegħdin niċċekkjaw mal-applikanta li għandha d-dokumenti kollha meħtieġa.

2.79.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament lit-talba tas-Sa. Bugeja għandha tiġi milqugħa meta tippreżenta d-dokumenti kollha fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 3. *POST-MORTEM* DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2014

3.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li bħala Festival, għalkemm sibna diversi diffikultajiet kbar sal-aħħar minuta, nistgħu ngħidu li kien suċċess.

3.2 Qal li għalkemm l-attendenza tal-pubbliku inġenerali dehret li naqset xi ftit mis-sena li għaddiet, bħala attendenza xorta kienet waħda tajba ħafna.

3.3 Żied li rridu nikkunsidraw sew il-parti tad-divertiment minħabba lin-nies baqgħet hemmhekk sakemm saret it-*tug-of-war* imma mbagħad bdiet titlaq bil-mod il-mod.

3.4 Spjega li jekk dan il-Festival se jibqa' jsir fiż-żona tal-Warda, trid tiġi diskussa wkoll il-loġistika kollha.

3.5 Fl-aħħarnett qal li ma jistax ma juriex id-diżappunt tiegħu minħabba li min-naħa ta' ċertu Kunsillieri ma kienx hemm daqshekk koperazzjoni.

3.6 Is-Sindku David Schembri qal li ċertu Kunsillieri lanqas għal-laqgħat tas-sotto-kumitat m'attendew u dan juri nuqqas t'interess min-naħa tagħhom f'attivitajiet li jorganizza l-Kunsill Lokali.

## 4. IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU U LAQGĦAT MA' TRANSPORT MALTA

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li bħala Kunsill Lokali tkellimna ma' rappreżentanti ta' Transport Malta dwar Triq is-Siġġiewi kif ukoll Triq il-Puniċi.

4.2 Qal li minbarra minn hekk tkellimna wkoll dwar dwal tat-traffiku fi Triq it-Tempesta kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.3 Żied li minbarra d-dwal tat-traffiku tkellimna wkoll dwar *belisha lights* fi Triq it-Tempesta speċjalment qrib il-bus xelters, biss jidher li jista' jkun hemm problema għax bejn dawl tat-traffiku u ieħor irid ikun hemm 200 metru.

4.4 Spjega wkoll kif jidher li se jkun hemm problema fi Triq Dun Nerik Mahoney u Triq it-Tabib Gregorio Mifsud minħabba li biex dawn iż-żewġ toroq jinfetħu, trid issir rekwiżizzjoni tal-art li mhijiex daqstant faċli.

## 5. IL-FESTI F'RAĦALNA – SAJF 2014

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon qal li l-permessi tal-*kiosks* tal-festi għall-festi tal-Madonna ta' Lourdes u l-festa ta' Santa Marija 2014 se jiftħu fid-29 ta' Mejju 2014.

5.2 Qal li min-naħa tal-Kunsill Lokali se tintbagħat ittra lil dawk kollha lis-soltu jarmaw il-*kiosks* tagħhom sabiex dawn ikunu jistgħu jaqtgħu għall-permessi ta' din is-sena.

5.3 Spjega lill-Kunsillieri kif jista' jkun hemm sidien ta' *kiosks* li javviċinawhom minħabba l-posti, u saħaq li kollox għandu jkun imwassal lill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sabiex jinżamm kontroll fuq is-sitwazzjoni kollha.

5.4 Żied li min-naħa tal-Kunsill Lokali, matul ix-xhur ta' Ġunju u Awwissu se jkunu qegħdin jintbagħtu ittri flimkien mal-permessi fid-djar tar-residenti li joqgħodu fl-akwati fejn jinħaraq in-nar tal-ajru.

5.5 Qal li bħala sistema tat-traffiku jidher li qiegħda taħdem u bi ftehim mal-każini, din is-sistema għandha tinżamm għal sena oħra.

5.6 Għalaq billi qal li l-Kunsill Lokali qiegħed jaħdem f'kordinament sħiħ kemm mas-Soċjetajiet Mużikali kif ukoll mal-pulizija sabiex il-festi jimxu bl-aktar mod trankwill u seren u l-Kunsill Lokali dejjem jara kif jista' jiffaċilita l-affarijiet.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 6. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

6.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-ħsieb tal-Kunsill Lokali li għal sena oħra jorganizza ġurnata Sqallija.

6.1.1 Qal li l-Kunsill Lokali tkellem ma' Bugeja M. Travel kif ukoll ma' Micallef Joe Travel.

6.1.2 Spjega li għal din is-sena l-Kunsill Lokali jixtieq jiffoka aktar fuq agri-turiżmu u spjega x'kien offrut miż-żewġ kumpanija tal-ivvjaġġar.

6.1.3 Qal li meta wieħed jikkunsidra dak li hemm offrut fiż-żewġ programmi, wieħed isib li ta' Micallef Joe Travel huwa irħas.

6.1.4 Is-Sindku David Schembri qal lis-sena li għaddiet il-Kunsill Lokali uża s-servizzi ta' Bugeja M. Travel imma n-nies ħarġu diżappuntati speċjalment minħabba l-gwida turistika li kienet qed tassisti lill-Kunsill.

6.1.5 Qal li ma tkunx idea ħażina kieku nużaw is-servizz ta' Micallef Joe Travel, speċjalment meta diversi Kunsilli Lokali oħra faħħru l-eskurżjonijiet iegħu.

6.1.6 Is-Sindku ppropona li għal din is-sena għandna nagħżlu l-offerta ta' Micallef Joe Travel u l-Viċi-Sindku ssekonda.

6.2 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li l-Kunsill Lokali kellu mal-Ministru għat-Turiżmu, l-Onorevoli Edward Zammit Lewis.

6.2.1 Qal li f'din il-laqgħa tqajmu diversi punti dwar Wied iż-Żurrieq u ż-żoni turistiċi f'raħalna.

6.3 Is-Sindku tkellem dwar l-Inzijattiva Favur il-Qari fil-Lokalita' u qal li din kienet suċċess fejn involvejna lill-istudenti kollha tal-iskola primarja.

6.4 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret bejn il-Kunsill Lokali tal-Qrendi u

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Transport Malta fejn tkellimna dwar il-bus xelters, speċjalment dawk tal-ġebel li għandna fil-lokalita'.

6.4.1 Ix-xewqa tal-Kunsill Lokali hija li dawn jinbidlu u jsiru aktar moderni u komdi u għalhekk għaddejjin f'diversi taħdidiet ma' Transport Malta.

6.5 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar mera li kien hem fi Triq Santa Katarina, k/ma' Triq Dwardu Borg u li llum m'għadhiex hemm.

6.5.1 Qalet li din il-mera hija bżonjuża ħafna speċajlment għal dawk is-sewwieqa li jkunu ġejjin mid-direzzjoni ta' Triq Dwardu Borg.

6.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon wieġeb li dik il-mera partikolari kienet insterqet u l-Kunsill Lokali kien għamel rapport fl-għassa tal-pulizija taż-Żurrieq.

## 7. FINANZI

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €42,085.09c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 05/14 u €102.39c skont il-*Petty Cash* Ref R/04.

7.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

7.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

8. **AĠĠORNAMENT**

8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 20 ta' Ġunju 2014 fit-3pm.

8.1.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-ħin ta' din il-laqgħa

________________________ ________________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**